NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Settembru/Ottubru 1989 Nru 50

*editorjal*

## ĦAMSIN ĦARĠA

***Il-Bord Editorjali jħossu kburi li llum qed tasal f'idejkom il-ĦAMSIN ĦARĠA tar-rivista tagħna 'il-BELT VICTORIA'. L-ewwel ħarġa tar-rivista kienet dik ta' Lulju - Awissu 1981 u l-ħsieb biex tibda tiġi pubblikata kien nibet u ġie diskuss waqt seminar pastorali li l-parroċċa tagħna kienet organizzat xi xhur qabel.***

***Fil-bidu kollox deher diffiċli. Iżda sibna l-għajnuna ta' ħafna li għarrfu s-siwi ta' rivista għall-parroċċa li toħroġ kull xahrejn. Fl-ewwel ħarġa tar-rivista l-Bord Editorjali kien iddikjara li r-rivista kellha tkun informattiva u formattiva. Il-ħamsin ħarġa li ġew pubblikati huma xhieda li dak li għidna fil-bidu wettaqnih. Mhux darba u tnejn artikli mir-rivista tagħna ġew pubblikati f'pubblikazzjonijiet oħrajn f'Għawdex u Malta. Kellna wkoll każi fejn materjal mir-rivista tagħna deher f'pubblikazzjonijiet bil-Malti f'pajjiżi bħal Kanada u l-Awstralja. Dan kollu jixhed li l-pubblikazzjoni tagħna hija waħda ta' livell għoli. Dan nittamaw li nkomplu għall-ġejjieni.***

***Skop ieħor li deher li ser jitwettaq mir-rivista tagħna kien li din ir-rivista tkun ta' ħolqa bejn il-parruċċani f'Għawdex u anke dawk li jinsabu barra minn Malta. Dan żgur li seħħ meta wieħed jisma' speċjalment il-kummenti ta' l-emigranti li kultant żmien jiġu fostna għall-btala. Kull min ġie fostna u qed jirċievi r-rivista f'art barranija qalilna kemm ikunu jistennewha u malli jaqrawha jkunu pronti jgħadduha lil ħaddieħor. Minn naħa tagħna aħna nagħmlu kull mezz biex malli tkun lesta kull ħarġa nimpustawha lill-emigranti tagħna. Dan is-servizz ser inkomplu ngħamluh minkejja l-ispejjes tal-posta bl-ajru.***

***Mill-ewwel ħarġa sallum il-Bord Editorjali qagħad attent ukoll li din ir-rivista ma tagħtix wisa' għal kitbiet ta' natura politika jew oħrajn li jistgħu jagħtu lok għal xi polemika. Dan il-prinċipju ġie mħares sewwa u bi ħsiebna nibqgħu nsostnuh fil-ħarġiet kollha. Għax il-ħsieb ewlieni tagħna mhux li nużaw il-pinna biex ninbxu jew b'xi mod nifirdu, iżda li permezz tar-rivista noħolqu djalogu u li r-rivista tkun ukoll mezz ta' tagħlim għall-komunità parrokkjali.***

***Inħossu li fl-okkażżjoni ta' din il-ĦAMSIN ĦARĠA għandna nroddu ħajr lil dawk kollha li jgħatu l-għajnuna tagħhom fil-pubblikazzjoni tagħha. Inroddu ħajr ukoll lil kull min jgħin fid-distribuzzjoni tagħha, lil minn jieħu ħsieb jimpustaha kull darba li toħroġ u lil dawk kollha li jgħinu b'xi kontribuzzjoni li jagħtuna.***

***Tajjeb għalhekk li fl-okkażżjoni ta' din il-ĦAMSIN ĦARĠA kull min għandu għal qalbu r-rivista jwassal fl-envelope li qed nagħtuh kontribuzzjoni xierqa ħalli dak li bdejna fl-1981 nkompluh 'l quddiem b'iktar ħeġġa u kuraġġ.***

**IR-RIVISTA TAGĦNA WASLET FIL-50 ĦARĠA!**

**L-Għajnuna tagħkom ma naqset qatt!**

***IL-50 ĦARĠA LI JMISS JIDDEPENDU XI FTIT MINNEK!***

**KULL OFFERTA TGĦIN — TIBQAX LURA!**

*Wassal l-envelope li qed tingħata fl-Uffiċċju Parrokkjali jew agħtih lil min iwassallek il-Bullettin u r-Rivista.*

**GRAZZI**

# It-Talba ta' l-Ilsiera ta' "IL-ĠIFEN TORK"

Fl-1842 il-poeta Galanton Vassallo li għex bejn 1817 u 1868, kiteb poema epika bis-sesta rima fi tliet kanti. Dil-poema dehret stampata l-ewwel darba fl-1853. Wara dehret fil-kotba tal-Mogħdija taż-żmien Nru 47 fl-1905. Iż-żewġ professuri tal-Malti reġgħu ħarġu dil-poema fi żminijietna, il-Prof. Aquilina fl-1949 u l-Prof. Friġġieri fl-1975.

Il-poema tittratta dwar il-ħarba ta' xi 70 lsir, fosthom ħafna Maltin, fuq 'Il-Kuruna Ottomana', il-Ġifen Tork, lejn Malta mil-Lvant fl-1760. Il-Prof. P.P. Saydon fil-kitba tiegħu jisimha "Ir-Ruħ tal-Kitba Maltija", jgħid li qofol ta' dil-poema hu talba u wegħda tal-Maltin imjassrin lill-Madonna tal-Mellieħa. It-Talba hija din:-

Ja Madonna tal-Mellieħa,
isma' t-talb ta' l-imjassrin!
Li neħilsu minn dal-jasar
itlob 'l Ibnek il-ħanin!
Agħmel int għall-ħniena tiegħek
l'aħna nibqgħu rebbeħin.

Int reġġagħna ġewwa Malta
Bint Sant'Anna, u Omm ħanina!
Biex inkissru dawn il-ktajjen
saħħa, qalb u qawwa agħtina!
Biex neħilsu minn dal-jasar
Inti biss trid tkun għalina.

Il-ħalib tal-ħniena tiegħek
dejjem xtered għall-miskin;
qatra minnu biss jixtiequ
fuq irjushom l-imjassrin.
Qatra minnu tkun biżżejjed
Biex inkunu meħlusin.

F'din it-talba l-iktar li tinteressana hawnhekk hi l-aħħar sestina. Il-Ħalib iqattar fuq l-imjassrin hu sempliċiment metafora jew il-poeta kien qed jara quddiemu xbiha tal-Madonna xxerred il-ħalib fuq l-ilsiera? Dawk kollha li jidħlu fl-Oratorju tas-Sagrestija ta' San Ġorġ, u jħarsu lejn l-inkwatru tal-Madonna tal-Grazzja jew ta' l-Erwieħ, u li dari kien fuq l-artal tal-Kappellun ta' l-Erwieħ u jaqraw din l-aħħar sestina mill-ewwel jindunaw li Galanton Vazzallo meta kitibha kellu nkwatru tal-Madonna bħal dan f'moħħu.

Jekk il-poeta ma ġiex hawn Għawdex u ra l-inkwadru tal-Madonna tal-Grazzja ixxerred il-ħalib fuq l-Erwieħ, Malta fejn sata' raħ?

Illum diffiċli tgħid. Il-Madonna tal-Mellieħa mhix żgur. Imma, jekk wieħed ikun jaf li l-inkwatru tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar mtess fi żmien l-Arcisqof Mawru Caruana għax ma kienx dekoruż li tħalli l-Madonna b'sidirha barra xxerred il-ħalib fuq l-ilsiera u l-erwieħ li kellha taħtha, wieħed malajr jasal għall-konklużjoni li Vassallo meta kiteb is-sestina kellu quddiem għajnejh il-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar.

Hawn min jiftakar l-ommijiet ireddgħu lit-trabi fit-



toroq, ħaġa li ma kienet xejn ta' stagħġib jew ta' mistħija. Tant kienu jdumu l-ommijiet ireddgħu lit-trabi li minkejja l-proverbju li jgħid li t-tnax fattâm, it-tfal kienu jkunu tant kibru li kienu joħorġu sider ommhom huma stess u jibdew jerdgħu fejn ikun ħadhom l-għatx.

Fil-fehma tiegħi f'dan l-inkwatru saru mill-inqas żewġ żbalji. L-ewwel wieħed meta daħħlu 'l San Bernard għas-sempliċi raġuni li d-donatur kien jismu Bennard. Fi knisja li fiha kienu jmorru qtajja' ta' baħħara ħafjin ikantaw l-litanija mat-triq biex jiżżu ħajr lill-Madonna talli ħelsithom mill-jasar, kien iktar jixraq San Anard prottetur tal-ħabsin u l-ilsiera. Fil-fatt dal-qaddis, tradizzjonalment kien fl-inkwatri li kien hemm qabel.

It-tieni żball sar meta mtess l-inkwatru oriġinali ta' Erardi. Kien ikun aħjar kieku twarrab u tqiegħed wieħed ġdid floku. Tant hi qadima d-drawwa li jpittru l-Madonna tal-Grazzja xxerred il-ħalib li fit-trittiku antik li hemm fis-Santwarju, il-Madonna tidher b'sider wieħed tradda' lit-tarbija u fl-ieħor ixxerred il-ħalib. Jekk f'parti oħra tat-trittiku kien hemm San Anard bħalma narawh fit-trittiku tal-Madonna tal-Minsija, wieħed jista' jobsor li l-bidu tas-Santwarju hu marbut mad-devozzjoni tal-ilsiera li ħelsu mill-jasar.

*jkompli p. 3*

IL-BELT
VICTORIA
*RIVISTA TA' KULL XAHREJN*
*Uffiċċju Editorjali:*
Ċentru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## *Membri ġodda fil-Komunità Parrokkjali*

04.7.89. THOMAS, iben Louis Agius u Rose neè Calleja
08.7.89. ELYSIA JENNY, bint Teddie Borg u Gillian neè Mellor
09.7.89. MELISSA, bint Dominic Xuereb u Judith neè Cardona
27.7.89. JUDITH LOUISE, bint M'Angelo Grech u Marità neè Cordina
29.7.89. JOEL, iben George Portelli u Maria neè Borg
30.7.89. JEANELLA, bint Pierre Grech u Anna neè Xerri
12.8.89. ANTONELLA, bint George Borg u Lucy neè Cauchi
12.8.89. CHARLENE, bint George Bugeja u Maria neè Formosa
13.8.89. YLENIA, bint Ivan Caruana u Maria neè Borg
19.8.89. GEORGE, iben Emanuel Cassar u Carmela neè Saliba
20.8.89. CHARMAINE, bint Victor Mercieca u Doreen neè Xerri
25.8.89. ELENA, bint Raymond Farrugia u Rita neè Sacco
3.9.89. LARA, bint Noel Vella u Maria neè Formosa
8.9.89. MARIA, bint Joseph Fenech u Georgina neè Vella
09.9.89. MARONIA, bint Carmel Azzopardi u Miriam neè Cassar
10.9.89. ANDREW, iben Mario Vassallo u Carol neè Borg
16.9.89. MARK, iben Dominic Grech u Polly neè Ellis

## *Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ*

01.7.89. Albert Grech (Sannat) u Maria Stella Scicluna
08.7.89. Saviour Sciberras (Sannat) u Marlene Cauchi
23.7.89. Ivan Cauchi (Fontana) u Ina Saliba
26.8.89. Iro Bezzina u Rosalie Borg
27.8.89. George Buttigieg u Elizabeth Haber (Fontana)
02.9.89. Maurice Camilleri u Georgina Farrugia
03.9.89. Colin Attard u M'Luoise Gauci (Fontana)
17.9.89. Richard Bartolo (Gwardamangia) u Georgette Galea
23.9.89. Loreto Grima (GĦ'Sielem) u Cecile Grima
24.9.89. Patrick Sciberras (Sannat) u Anita Grech

## *Marru jingħaqu ma' Kristu Rxuxtat*

14.8.89. Lucrezia Pavia
18.9.89. Ġużeppi Tabone

**_Donazzjonijiet għar-Rivista_**
Mr & Mrs Alfred Gatt 40 US $, Mr. Vince Vella Lm5,
Mr. Carmel Galea (U.S.A) Lm5
Kan. Onor. C. Grima Lm2
Mr & Mrs Emm Abela (Toronto) Lm40

## *ROKNA GĦAT-TFAL*

Għeżież tfal,

Kif intom? Issa rġajtu lura lejn l-iskola wara 'l fuq minn xahrejn ta' vaganzi li fihom għamiltu minn kollox, u meta ngħid "minn kollox", nifhem li mad-divertiment, L-għawm u l-mistrieħ, kien hemm ukoll xi ftit ta' l-istudju, jekk mhux ukoll xi erba' lezzjonijiet tal-privat. Lil min ma telaqx l-istudju u l-kotba għal kollox, ngħidlu prosit u nawguralu.

Sal-lum naħseb li ġa' qbadtu r-rittmu sħiħ tal-iskola. Dawk li s-sena l-oħra ma tantx marru tajjeb, inwissihom biex din is-sena jagħmlu aktar moħħhom hemm u jistinkaw u jħabirku ftit iżjed.

Bħalissa, tfal, id-Djoċesi tagħna qed tfakkar il-125 sena mit-twaqqif tagħha u qed isiru diversi attivitajiet biex ifakkru din il-ġrajja storika u għażiża għal kulħadd.

Għandkom tkunu tafu, tfal, li kienu saru diversi talbiet mill-Kleru u l-poplu ta' qabilna biex Għawdex jinqata' minn Malta u jsir Djoċesi għalih. Fl-aħħar, fis-16 ta' Settembru tas-sena 1864, il-Papa Piju IX laqa' x-xewqa ta' l-Għawdxin biex Għawdex u Kemmuna saru Djoċesi għalihom, suġġetti direttament għall-Vatikan, bl-ewwel Isqof ikun Mons. Mikiel Buttigieg mir-raħal tal-Qala. Huwa ġie kkonsagrat fit-22 ta' Settembru ta' l-istess sena.

Għaldaqstant, aħna, li qed ngħixu f'dawn iż-żminijiet, għandna għax inkunu grati u ngħidu grazzi lil dawk ta' qabilna, għax kien bis-saħħa tagħhom li llum Għawdex huwa djoċesi għalih.

Iżda l-grazzi tagħna, tfal, irid imur ukoll lil Alla li tul dan iż-żmien kollu waqaf bi sħiħ mad-Djoċesi tagħna. Inroddu ħajr lil Alla li waqaf magħna u għinna biex inżommu sħiħ il-fidi nisranija tagħna. Inroddulu ħajr ukoll tas-Saċerdoti kollha li għoġbu jagħtina tul dawn il-mija u ħamsa w għoxrin sena. Fl-istess waqt, nitolbuh biex jissokta jieqaf magħna u jgħinna nibqgħu sħaħ fil-fidi biex inkunu nistgħu ngħadduha bla mittiefsa lil dawk li jiġu warajna.

Waqt li mill-ġdid nawguralkom sena skolastika mill-aqwa, nawguralkom ukoll barka u ġid sa ma nerġgħu niltaqgħu.

*Tatà*
*Iz-Ziju Peppi*

*jaqbad minn p. 2*

Jalla l-inkwatru l-qadim tal-Madonna tal-Grazzja li hawn San Ġorġ u li sar fl-1642 ma tmissux ix-xorti ħażina li messu t-titular ta' Ħaż-Żabbar u jibqa' jagħti xhieda lis-sestina tal-poeta Galanton Vassallo fil-poema epika "Il-Ġifen Tork":

Il-ħalib tal-ħniena tiegħek
dejjem xtered għall-miskin;
qatra minnu biss jixtiequ
fuq irjushom l-imjassrin!
Qatra minnu tkun biżżejjed
Biex inkunu meħlusin.

**_11.7.89_** **_V.J. Galea_**

# SUĊĊESS GĦALL-BANDA LA STELL




*Il-Banda La Stella waqt il-programm mużikali f'Canicattini Bagni, nhar is-Sibt, 9 ta' Settembru 1989*



Bejn it-8 u l-11 ta' Settembru is-Soċ.Fil. La Stella t'Għawdex irrappreżentat il-Gżejjer Maltin fir-Raduno Bandistico Nazionale ta' Canicattini Bagni fi Sqallija, festival internazzjonali ta' baned organizzat ta' kull sena mill-Amministrazione Provinciale Di Siracusa flimkien mal-Assessorato Al Turismo tal-lokal. Fil-fatt La Stella kienet l-unika banda fost disa' baned oħra barranin li ħadu sehem f'dan il-festival prestiġġjuż.

Il-parteċipazzjoni tas-Soċjeta' La Stella f'dan il-konkors mużikali ġabet magħha suċċess doppju għal din il-banda ewlenija t'Għawdex. Il-Banda mhux biss issemmiet b'ġieh għall-kontribut kbir li tat f'dan il-konkors, iżda saħansitra s-Surmast Direttur tagħħa, Joseph Vella, kellu l-unur li jikseb it-Tieni Post f'konkors miftuħ għall-kompożizzjonijiet oriġinali mill-pajjiżi tal-Komunità Ewropea.

Ċertament li b'din il-mawra tagħha fi Sqallija, it-tmien ħarġa tagħha barra minn Malta mill-1947 'l hawn, il-Banda La Stella kitbet paġna oħra tad-deheb fl-istorja glorjuża tagħha. Isem il-belt ta' Canicattini Bagni żgur li jibqa' mfakkar bl-akbar mod dinjituż minn din is-Soċjetà Mużikali, xejn anqas minn ismijiet ta' bliet oħra kbar, bħal Lugano, Venezia, Firenze, Ruma, Salerno, Como, Catania, u Palermo.... fejn il-Banda ħarġet bl-unuri kollha f'manifestazzjonijiet simili li kellha fis-snin imgħoddija.

Jakkumpanja l-Banda f'din iż-żjara kien hemm il-Grupp Folkloristiku tal-istess Soċjetà, il-Group Astra.

## LIBRERIJA PARROKKJALI

Nhar is-Sibt 15 ta' Lulju 1989, lejlet il-festa ta' San Ġorġ, Mons Isqof Nikol Cauchi nawgura u bierek il-Librerija parrokkjali li ġiet imwaqqfa fiċ-Ċentru Parrokkjali tagħna. Għaċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni kienu preżenti membri tal-Kapitlu u l-Kleru kif ukoll benefatturi li għenu fit-twaqqif ta' din il-librerija. Mons Arċipriet Salvu Borg f'kelmtejn li għamel irringrazzja lil kull min ta sehemu biex din l-inizjattiva isseħħ u appella għal iktar qlub ġenerużi biex inkomplu nżidu n-numru ta' kotba li diġa hemm fil-Librerija. Huwa mistenni li din il-librerija parrokkjali tibda tiffunzjona iktar 'il quddiem u tkun miftuħa għas-self ta' kotba f'ħinijiet u ġranet stabbiliti. Sadanittant qed issir il-klassifikazzjoni tal-kotba li ġa hemm.



# .A F'FESTIVAL INTERNAZZJONALI

## Sfilata Kbira Mat-Toroq

Il-Festival fetah il-Ġimgħa 8 ta' Settembru bi sfilata madwar it-toroq ewlenin tal-belt. Għall-okkażjoni l-Banda daqqet marċi tradizzjonali Maltin li ġew apprezzati mhux ftit mill-mijiet kbar ta' Taljani li ħanqu t-toroq u l-pjazez tal-belt. F'din l-isfilata ħa sehem ukoll il-Group Folkloristiku Astra li mmarċja fuq quddiem nett, kif ukoll id-disa' baned l-oħra li kienu ġejjin mill-bliet ta' Bolzano, Cagliari, Melili, Genova, Messina, Palazzolo Acreide, Firenze, Grossetto u Torino.



***Parti mill-udjenza kbira li attendiet għall-Programm Mużikali tal-Banda La Stella.***

Il-Festival issokta matul it-tliet ijiem ta' wara, b'kull banda tesegwixxi kunċerti mużikali jew daqq ta' marċi. Il-Banda La Stella esegwiet il-Programm tagħha s-Sibt 9 tax-xahar, programm li ġibed l-ammirazzjoni tal-pubbliku għall-mod stupend li bih indaqqu s-siltiet mużikali li ġew magħżula. Il-Banda daqqet xogħolijiet ta' Biżet, Girardon, Marchesini, Bellini, Ciappara u tas-Surmast Direttur Joseph Vella. Dawn kienu jinkludu l-Preludo 'Malta', sinfoniji minn Norma u Eroica, is-Suite 'Three Mood Pieces', il-Fantasija 'I Prescatori Di Perle' u s-sinfonija Armonia Del Otto Cento.

Fi tmiem il-Programm is-Sindku ta' Canicattini Bagni ippreżenta lis-Sur Paul M. Cassar, Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà, Trophy tal-Festival bħala tifkira dejjiema tal-okkażjoni, u Trophy oħra lil Mro Vella. Min-naħa tas-Soċjetà, il-President Dr Joseph Ellis u s-Sur Cassar ippreżentaw żewġ dgħajjes tal-fidda lis-Sindku u lil Mro Antonio Cirinna'.

Aktar kmieni fl-istess jum il-Group Folkloristiku Astra ta wirja kbira ta' żfin, kant u għana folkloristiku Malti f'żewġ lokalitajiet differenti.

## *Rebbieħ f'Konkors Internazzjonali*

Il-ġurnata ta' wara, il-Ħadd 10 ta' Settembru, kellha tkun waħda memorabbli għas-Surmast Joseph Vella. Dak in-nhar tħabbar uffiċċjalment ir-riżultat tal-konkors internazzjonali għall-aħjar kompożizzjoni oriġinali, imniedi għall-ewwel darba mill-istess Organizzaturi tal-Festival, magħruf aħjar bħala 'Concorso Di Composizione Originale Per Banda - Pietro Pernice'.

Mro Vella rnexxielu jikseb it-Tieni Post bis-Sinfonija ġdida tiegħu għall-banda 'Jubilo'. Mro Vella kien qed jikkompeti f'dan il-konkors flimkien ma' 52 kompożitur ieħor minn diversi pajjiżi Ewropej, bħal l-Italja, Polonja, Franza, Ġermanja u Spanja. Bħala Premju Mro Vella rċieva Trophies, żewġ medalji u tlett miljun lira Taljani.

Fiċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni tal-premijiet, Mro Vella idderieġa l-Festival Band waqt l-esekuzzjoni tas-Sinfonija tiegħu. Ma jistax jonqos li l-aktar entużjażmati fost il-pubbliku kbir preżenti, kienu l-istess deriġenti u bandisti tas-Soċ. La Stella, li laqgħu r-riżultat bl-akbar ferħ u briju

Din kienet it-tmien sena konsekuttiva li kien qed jiġi organizzat ir-Raduno Bandistico Nazionale fi Sqallija. Kummenti pubblikati fl-istampa Taljana faħħru l-organizzazjoni ġenerali tal-Festival, l-aktar għax-xejra internazzjonali li ngħata din is-sena. Il-ġurnal ta' kuljum 'Gazzetta Del Sud' kellu kliem ta' tifħir għall-Banda la Stella u għas-Surmast Vella.

Tul il-mawrà tagħha fi Sqallija, il-Banda u l-Folk Group, li kienu akkumpanjati minn għadd ta' ammiraturi tas-soċjetà, ħadu l-opportunità biex iżuru għadd ta' postijiet storiċi f'Siracusa u Catania. Il-Group kollu, li kien kompost minn 125 ruħ, reġa lura Malta tard it-Tnejn fil-għaxija (11 ta' Settembru) fuq titjira 'chartered' tal-Air Malta.



## *Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

# " Ħafna jgergru.....imma ftit wisq imiddu idejhom"

*Ftit tal-jiem ilu qrajt dan l-episodju:*

*"Raġel sinjur kien għaddej mit-toroq ta' Calcutta u ra ċorma tfal fqar jittalbu l-karità. Daħħal idu fil-but, u tahom ftit muniti. Sekondi wara, dehru xi rġiel li ħatfulhom il-flus u reġgħu bagħtu lit-tfal jittalbu mill-ġdid. Tgħidx kemm gerger is-sinjur.*

*Mara fqira kienet għaddejja mit-toroq ta' Calcutta. Rat ċorma tfal foqra jittalbu. Iddeċidiet li tiddedika ħajjitha biex tgħinhom igħixu ħajja iktar umana. Kienet Mother Theresa."*

*Quddiem dan l-episodju għamilt xi ftit tar-riflessjonijiet. Kemm għandna nies li jixbħu lil dak ir-raġel ta' l-ewwel parti tal-istorja. Jaħsbu li għax idaħħlu idejhom fil-but u jagħtu* ***xi ħaġa*** *milli jkollhom, b'daqshekk solvew il-problemi kollha li jkollhom quddiemhom. Veru bil-flus tista' tgħin, tista' twieżen lil dak li jkun; iżda mhux biżżejjed.*

*Jista' jkun li dawk il-persuni li għandek madwarek mhux nieqsa mill-flus, u allura ftit li xejn tista' tgħinhom billi ttihom xi ħaġa tal-flus. Jista' jkun li kulma jridu minn għandek hu* ***"ftit tal-ħin", "li tieqaf tismagħhom xi ftit", "li tgħinhom ma jħossuhomx iktar weħidhom".***

*Tiltaqa' ukoll ma' nies li jikkritikaw għaliex it-tali ħaġa mhix issir; igergru għaliex, per eżempju, l-anzjani ma jsirulhomx attivitajiet espressament għalihom; tiltaqa' ma nies li kliemhom huwa dejjem:* ***"Imissek tagħmel hekk"****, jew* ***"Imisskom tgħidu hekk"****. Jiena lil dawn innies nistaqsihom:* ***"INTOM META SER IMISSKOM?"***

*Faċli tipponta subgħajk lejn ħaddieħor u tistenna mingħandu li jwettaq affarijiet bżonnjużi; iżda kemm hu diffiċli li tippunta subgħajk lejn innifsek u tipprova ċċaqlaq xi ftit lilek stess billi ttenni l-kelmiet:* ***"Jien imissni nagħmel hekk".***

*Biss din il-ħaġa jeħtieġ li jagħmilha kulħadd: jien, int, kulħadd. Li kieku kull wieħed u waħda minnha nwettqu dak kollu li kapaċi nwettqu u li suppost inwettqu, kieku ħafna problemi jispiċċaw għal kollox.*

*J'Alla ilkoll kemm aħna nixbħu lil Mother Teresa ferm iktar milli nixbħu lil dak ir-raġel ta' l-istorja.*

## NIBNU ĦAJJITNA FUQ IS-SOD

Aħna nsara; u għalhekk aħna 'fidili'. għaliex aħna 'fidili'? Għax aħna nemmnu fil-kelma ta' Alla. Aħna nibnu l-ħajja tagħna ta' kuljum mhux fuq il-kelma tal-bniedem, iżda fuq il-kelma ta' Sidna Ġesù Kristu. U għalhekk aħna m'aħniex nies boloh, iżda nies l-iżjed għaqlin; preċisament għax il-kelma tal-bniedem hija bħal bniedem: hija kelma dgħajfa, merħija, bla saħħa; waqt li l-kelma ta' Ġesù Kristu hija kelma sħiħa, soda, ma tafx x'inhu tibdil u dawrien. Ġesù stess huwa l-Kelma ta' Alla; u għalhekk il-Kelma tiegħu hija isbaħ mis-sema u l-art: dawn igħaddu, imma hi tibqa' għal dejjem. (ara: Mark, 13,31).

Nibnu ħajjitna fuq is-sod billi nemmnu f'Sidna Ġesù Kristu. Ġesù huwa l-oġġett tat-twemmin tagħna. għalhekk aħna nsara, għax nemmnu f'Ġesù Kristu: nemmnu li Ġesù huwa veru Alla u veru bniedem; huwa Alla li sar bniedem, jixbaħna f'kollox barra mid-dnub. Nemmnu li kull ma għamel Ġesù, għamlu għalina: għalina sar bniedem biex aħna nsiru wlied adottivi t'Alla, kif jaċċertana San Ġwann fl-ewwel ittra tiegħu (3, I); għalina Ġesù miet fuq is-salib, biex lilna jeħlisna mill-ħakma tad-dnub; għalina huwa rxoxta, biex lilna jagħtina l-ħajja tal-grazzja; u għalina wkoll tela' s-sema bħala r-Rebbieħ ta' l-infern, tad-dnub, tal-mewt, taż-żmien; u hekk beraħ fetħilna l-bibien tal-ġenna. Għalhekk qal Ġesù, f'jum il-qawmien tiegħu, lil Maddalena: 'Mur għand ħuti u għidilhom li se nitla għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom' (Gov. 20, 17).

## Il-125 Sena Mit-Twaqqif tad-Djoċesi t'Għawdex



L-E.T. Mons Isqof Giovanni Battista Re, Segretarju tal-Kongregazzjoni ta' l-Isqfijiet dan l-aħħar mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-Bażilika tagħna bħala parti mill-attivitajiet li qed jinżammu fl-okkażżjoni tal-125 sena mit-twaqqif tad-Djoċesi f'Għawdex. Fi tmiem il-Konċelebrazzjoni Mons Arċipriet ippreżenta ritratt tal-istatwa ta' San Ġorġ lil Mons Re bħala tifkira taż-żjara tiegħu. Fir-ritratt Mons Re jidher jitkellem ma Mons Arċipriet waqt riċeviment li sar f'ġieħu fl-Awla Kapitolari.

# Id-9 Sinfonija ta' Beethoven fi Pjazza San Ġorġ



Dik li probabilment tibqa' magħrufa bħala waħda mill-aqwa attivitajiet kulturali mtella' b'talent lokali fil-programm ta' din is-sena tal-International Arts Festival - Maltafest' 89, inżammet fi Pjazza San Ġorġ. Pubbliku tassew numeruż assista għal serata eċċezzjonali ta' mużika klassika, li kienet tikkonprendi d-9 Sinfonija In Re Minore ta' Ludwig van Beethoven.

L-udjenza ma kienetx tinkludi biss Għawdxin iżda saħansitra għadd sabiħ ta' barranin residenti f'Għawdex u magħhom anke bosta Maltin li ma riedux jitilfu din l-opportunità unika li jgawdu kunċert mużikali ta' livell hekk għoli.

Strumentli wara s-suċċess ta' dan il-kunċert klassiku kien Mro Joseph Vella li b'abbiltà kbira mexxa l-orkestra u l-kor. Flimkien mal-Orkestra tat-Teatru Manoel ħadu sehem is-sopran Virġinia Kerr, il-Mezzo-sopran Marie Therese Vassallo, it-Tenur Paul Charles Clarke u l-baxx Brian Raynor Cook kif ukoll il-korijiet Laudate Pueri tal-Bażilika tagħna u Akkademja.

## *Statwa Ġdida ta' San Ġorġ*

Il-Festi ta' San Ġorġ li ġew iċċelebrati din is-sena fetħu b'marċ brijuż mill-Banda La Stella bl-istatwa ġdida ta' San Ġorġ bħala tfajjel. Din l-istatwa saret bl-inizjattiva ta' l-Għaqda Żgħażagħ La Stella li lilha nixtiequ nifirħu għas-sehem attiv li qed tagħti kemm fil-festa kif ukoll matul is-sena. Din l-istatwa tbierket minn Mons Arċipriet fil-bidu tal-marċ u wara tpoġġiet fuq pedistal fi Pjazza Indipendenza. Fir-ritratt din l-istatwa ġdida tidher fil-bieb tal-Każin fil-bidu tal-marċ.




## Nifirħu lil

**MRO. JOHN GALEA għas-suċċess tiegħu fl-eżamijiet finali tal-Baċellerat tal-Mużika mill-Università ta' Durham.**

# *Żjara lill-President ta' Malta min-Nisa Għawdxin*



Group sabiħ ta' nisa Għawdxin, ilkoll membri tal-Ladies Society tal-Bażilika tagħna, dan l-aħħar għamlu żjara ta' kortesija lill-President ta' Malta, Dr. Ċensu Tabone, fil-Palazz il-Belt.

Il-Group kien immexxi mis-Sinjura Georgina Cassar, President tas-Soċjetà, li f'kelmtejn li għamlet irringrazzjat lil Dr Tabone u lis-Sinjura tiegħu tal-opportunità sabiħa li jilqagħhom fil-palazz tiegħu f'dik l-okkażjoni.

Is-Sinjura Cassar imbagħad ippreżentat lill-President Tabone, f'isem il-Ladies Society, kwadru b'riproduzzjoni ta' paġna mir-Reġistru tal-Magħmudijiet (Vol. XIV għas-snin 1909-1929) miżmum fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Ir-riproduzzjoni turi estratt partikolari bid-data tat-2 t'April 1913, il-ġurnata li fiha l-President Tabone kien irċieva s-Sagrament tal-Magħmudija f'din il-Bażilika.

Dr Tabone iżżiħajr lis-Sinjura Cassar u sħabha tal-Ladies Society ta' dik l-għotja li ċertament, huwa qal, tkompli tfakkru fiż-żminijiet imbegħda ta' tfulitu ġewwa Għawdex, u li huwa ma jista' jinsa qatt.

Iż-żjara tal-President Tabone kienet parti minn mawra li l-Ladies Society organizzat f'Malta u li matulha saru żjarat f'diversi lokalitajiet ta' interess storiku u turistiku.

## *Rigal tal-PAPA ĠWANNI PAWLU II*

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Govanni Pawlu II għoġbu jibgħat il-kallotta tiegħu biex tinżamm bħala tifkira tiegħu fil-bażilika tagħna. Din l-għotja saret waqt udjenza privata li kellu l-Papa nhar it-8 ta' Lulju 1989 li matulha laqa' lil Dun Charles Cini SDB, lil mama ta' Dun Charles, lil oħtu Mrs Maria Vella u liċ-ċkejkna Edwina Vella neputija ta' Dun Charles. F'din l-okkażżjoni ċ-ċkejkna Edwina ppreżentat kallotta ġdida lil Papa biex hu jirregala tiegħu lil Parroċċa ta' San Ġorġ. Il-Papa laqa' bil-ferħ din it-talba u filwaqt li newwel liċ-ċkejkna Edwina l-kallotta tiegħu bagħat il-Barka Apostolika lil Mons Arċipriet u lil Kleru kollu flimkien mal-Komunità Parrokkjali. Il-Kallotta ġiet ipprezentata lil Mons Isqof Nikol Cauchi, bħala Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan wara l-Pontifikal Solenni nhar il-Festa ta' San Ġorġ il-Ħadd 16 ta' Lulju 1989.



***Il-Qdusija Tiegħu l-Papa jidher jagħti l-kallotta tiegħu lil Edwina Vella.***



***Fr. Charles Cini SDB jidher jippreżenta l-kallotta lil Mons Isqof fi tmiem il-Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażżjoni tal-Festa ta' San Ġorġ***